C/2026/3579

3.7.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/3579)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Côtes de Bordeaux"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-FR-A0987-AM05 — 2.4.2026

1. **Isem il-prodott**

Côtes de Bordeaux

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Franza

5. **Awtorità nazzjonali li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru għall-Agrikoltura u għas-Sovranità tal-Ikel, id-Direttorat Ġenerali għall-Prestazzjoni Ekonomika u Ambjentali tal-Intrapriżi

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-awtoritajiet Franċiżi jikkunsidraw li l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) 2024/1143.

L-emendi ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott huma emendi standard kif iddefiniti fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

L-applikazzjoni għal emenda tad-DOP Côtes de Bordeaux ma tinvolvix xi waħda mit-tliet sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu emenda tal-Unjoni. Speċifikament, ma:

(a) tinkludix bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-prodotti jew fil-kategoriji ta' prodotti definiti mill-indikazzjoni ġeografika;

(b) tirriskjax li xxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika;

(c) tinvolvix restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-applikazzjoni hija għal emenda "standard".

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Żona ta' rqajja' definita tad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Cadillac

Deskrizzjoni

Iż-żona ta' rqajja' definita tad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Cadillac ġiet aġġornata. Id-data tal-approvazzjoni tal-għotja mill-kumitat nazzjonali, il-11 u t-12 ta' Ġunju 2025, żdiedet mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott fit-Taqsima IV "Żoni u postijiet fejn iseħħu l-operazzjonijiet varji", 2) "Żona ta' rqajja' definita", il-punt c).

Il-lista dettaljata ta' muniċipalitajiet f'din it-taqsima tneħħiet.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Żona ta' rqajja' definita tad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Blaye

Deskrizzjoni

Iż-żona ta' rqajja' definita tad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Blaye ġiet aġġornata. Id-data tal-approvazzjoni tal-għotja mill-kumitat nazzjonali, it-12 ta' Frar 2026, żdiedet mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott fit-Taqsima IV "Żoni u postijiet fejn iseħħu l-operazzjonijiet varji", 2) "Żona ta' rqajja' definita", il-punt b).

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Żoni u postijiet fejn iseħħu l-operazzjonijiet varji

Deskrizzjoni

It-Taqsima IV, "Żoni u postijiet fejn iseħħu l-operazzjonijiet varji", ġiet riformulata. Ir-referenza għall-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali ġiet aġġornata biex tirreferi għall-verżjoni tal-2025 u titqies id-diġitalizzazzjoni taż-żoni, li issa jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità (INAO).

Id-dati li fihom l-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità ta l-approvazzjoni, matul is-sessjonijiet tal-kumitat nazzjonali, żdiedu mal-punti a), b), c), d), e) u f) tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, fit-Taqsima IV, "Żoni u postijiet fejn iseħħu l-operazzjonijiet varji", 1) "Żona ġeografika".

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid

"Côtes de Bordeaux"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-FR-A0987-AM05 — 2.4.2026

1. **Isem/Ismijiet**

Côtes de Bordeaux

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Franza

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

Prodott tad-dwieli

Inbejjed ħomor bla gass

Karatteristiċi organolettiċi

Kulur

Id-denominazzjoni ta' oriġini protetta Côtes de Bordeaux hija riżervata għal inbejjed ħomor bla gass.

Id-denominazzjonijiet ġeografiċi supplimentari Cadillac, Castillon, Blaye, Francs u Sainte-Foy huma riżervati għal inbejjed ħomor bla gass.

Aroma/riħa

L-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta Côtes de Bordeaux huma rotondi, b'riħa ta' frott u jistgħu jinżammu għal 3 sa 10 snin.

Togħma/palat

L-inbejjed ħomor spiss ikunu bbażati fuq il-Merlot N bħala l-varjetà ta' għeneb ewlenija, imkabbra fuq ħamrija tat-tafal u tal-ġebla tal-ġir li toħroġ il-kwalitajiet speċifiċi kollha tagħha. Il-coupage mal-Cabernet Sauvignon N, mal-Cabernet Franc N jew mal-Cot N (magħrufa lokalment bħala Malbec) jagħti nbejjed b'togħma ta' frott u bi struttura tannika sottili.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

L-inbejjed ħomor tad-denominazzjoni Côtes de Bordeaux bl-indikazzjoni ġeografika supplimentari Blaye huma eleganti u rfinati bil-kulur qawwi u intens tagħhom, l-aroma ta' frott tagħhom u s-sottilezza tal-aromi tagħhom. Huma partikolarment adattati għat-tqaddim.

L-inbejjed ħomor tad-denominazzjoni Côtes de Bordeaux bl-indikazzjoni ġeografika supplimentari Castillon għandhom kulur aħmar qawwi lewn ir-rubini. L-aromi jesprimu sens ta' konċentrazzjoni u profondità, spiss b'noti ta' pruna, ġilda u kaċċa, xi drabi b'laqtiet friski tal-art tal-foresta u ta' frott aħmar misjur ħafna. Fil-palat, dawn l-inbejjed għandhom togħma ta' frott, huma robusti u b'saħħithom. Huma adattati ferm għat-tqaddim.

L-inbejjed ħomor tad-denominazzjoni Côtes de Bordeaux bl-indikazzjoni ġeografika supplimentari Cadillac huma kkaratterizzati mill-kulur qawwi tagħhom, li huwa kważi iswed, sottilezza aromatika kbira u sensazzjoni rotonda u strutturata fil-palat. Jistgħu jitgawdew meta jkunu mhux imqaddmin u b'togħma ta' frott, iżda jistħoqqilhom jiġu kkonsmati meta jitqaddmu, bejn 4 u 10 snin, jew aktar, meta l-korporatura b'saħħitha tagħhom tonqos u ssir rotonda, u l-aromi tagħhom jiżdiedu fil-kumplessità u fl-intensità.

L-inbejjed ħomor tad-denominazzjoni Côtes de Bordeaux bl-indikazzjoni ġeografika supplimentari Francs għandhom kulur rikk u robust b'ċertu rotondezza.

L-inbejjed ħomor tad-denominazzjoni Côtes de Bordeaux bl-indikazzjoni ġeografika supplimentari Sainte-Foy għandhom intensità qawwija tal-kulur b'kompożizzjoni aromatika ddominata mill-frott aħmar. Fil-palat, l-inbid huwa kompletament ibbilanċjat b'laqta ta' freksezza mal-ewwel togħma u astringenza fl-aħħar. Il-coupage mal-Cabernet Franc u mal-Cabernet Sauvignon jagħti lill-inbejjed kumplessità u struttura.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

L-inbejjed għandhom qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta' 11 %.

Il-kontenut taz-zokkor fermentabbli ma jaqbiżx it-3 grammi għal kull litru.

Il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum tal-inbejjed wara l-arrikkiment ma taqbiżx it-13,5 %.

Il-fermentazzjoni malolattika hija obbligatorja għall-inbejjed ħomor. Kull lott ta' nbid aħmar, imballat jew mhux imballat (inbejjed bl-ingrossa), għandu kontenut ta' aċidu maliku massimu ta' 0,3 gramma għal kull litru.

L-inbejjed għandhom kontenut ta' aċidità volatili massima ta' 13,26 milliekwivalenti għal kull litru sal-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara dik tal-ħsad, u 16,33 milliekwivalenti għal kull litru wara dik id-data.

Qabel l-imballaġġ, jew meta jkunu bl-ingrossa, l-inbejjed ikollhom kontenut ta' SO_2 ta' mhux aktar minn 140 milligramma għal kull litru.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbejjed bojod bla gass

Karatteristiċi organolettiċi

Kulur

Id-denominazzjoni ġeografika supplimentari Blaye hija riżervata għall-inbejjed bojod bla gass u xotti.

Id-denominazzjoni ġeografika supplimentari Francs hija riżervata għall-inbejjed bojod xotti u l-inbejjed bojod ħelwin.

Id-denominazzjoni ġeografika supplimentari Sainte-Foy hija riżervata għall-inbejjed bojod bla gass li jistgħu jkunu xotti, ħelwin mezzana jew ħelwin.

Aroma/riħa

L-inbejjed bojod ġeneralment isiru mis-Sauvignon B f'coupage mas-Semillon B u mal-Muscadelle B. L-inbejjed intitolati għad-denominazzjoni ta' oriġini protetta Côtes de Bordeaux għandhom riħa ta' frott.

Togħma/palat

L-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta Côtes de Bordeaux huma rotondi u jistgħu jinżammu għal 3 sa 10 snin.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

L-inbejjed bojod tad-denominazzjoni Côtes de Bordeaux bid-denominazzjoni ġeografika supplimentari Blaye normalment ikunu kkaratterizzati minn aromi ta' ġenistra, ċitru u frott isfar.

L-inbejjed bojod xotti tad-denominazzjoni Côtes de Bordeaux bid-denominazzjoni ġeografika supplimentari Francs huma vivaċi mat-togħma inizjali u jiżviluppaw rikkezza u eleganza. L-inbejjed bojod b'zokkor residwu tad-denominazzjoni Côtes de Bordeaux bid-denominazzjoni ġeografika supplimentari Francs spiss jiżviluppaw aromi ta' għasel u ċitru.

L-inbejjed bojod tad-denominazzjoni Côtes de Bordeaux bid-denominazzjoni ġeografika supplimentari Sainte-Foy jiżviluppaw aromi ta' fjuri bojod u frott frisk b'riżultati tal-coupage tas-Semillon B mal-Muscadelle B. Ir-rotondezza tagħhom, ikkombinata ma' ftit aċidità, hija pjaċevoli fil-palat. L-inbejjed, li t-togħma tagħhom iddum fil-ħalq, għandhom togħma bnina u huma rikki u jħallu noti ta' frott eżotiku. Finalment, l-inbejjed b'zokkor residwu għandhom ħlewwa mezzana konsiderevoli u huma delikati u sottili.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

L-inbejjed bla gass u xotti għandhom qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta' 10,5 %. Il-kontenut taz-zokkor fermentabbli ma jaqbiżx l-4 grammi għal kull litru. Il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum tal-inbejjed wara l-arrikkiment ma taqbiżx it-13 %. L-inbejjed għandhom kontenut ta' aċidità volatili massima ta' 13,26 milliekwivalenti għal kull litru sal-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara dik tal-ħsad, u 16,33 milliekwivalenti għal kull litru wara dik id-data. Qabel l-imballaġġ, jew meta jkunu bl-ingrossa, l-inbejjed ikollhom kontenut ta' SO_2 ta' mhux aktar minn 180 milligramma għal kull litru.

L-inbejjed bojod bla gass u ħelwin għandhom qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta' 14,5 %. Il-kontenut taz-zokkor fermentabbli jaqbeż il-51 gramma għal kull litru. Qabel l-imballaġġ, jew meta jkunu bl-ingrossa, l-inbejjed ikollhom kontenut ta' SO_2 ta' mhux aktar minn 400 milligramma għal kull litru. B'deroga, qabel l-imballaġġ u meta jkunu bl-ingrossa, il-kontenut ta' aċidità volatili tal-inbejjed huwa stabbilit b'digriet.

L-inbejjed bojod ħelwin mezzana b'zokkor residwu jsiru minn għeneb li jinħasad b'kontenut taz-zokkor minimu ta' 221 gramma għal kull litru most. Dawn l-inbejjed għandhom ħlewwa mezzana konsiderevoli u huma delikati u sottili. Qawwa alkoħolika naturali skont il-volum: mill-inqas 13,5 %. Qawwa alkoħolika totali skont il-volum wara l-arrikkiment: 15 %. Il-kontenut taz-zokkor fermentabbli huwa bejn 17 u 45 gramma għal kull litru.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Densità u wisa'

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika ta' kultivazzjoni

Deskrizzjoni

Id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta' 4 500 pjanta għal kull ettaru. Il-wisa' bejn il-flanni ma tridx taqbeż:

— 2,50 metri għad-dwieli mħarrġa bil-metodu Guyot (singolu jew doppju) jew dwieli mħarrġa fuq zkuk baxxi fuq il-kannizzati;

— 3 metri għad-dwieli mħarrġa bil-metodu lyre b'kannizzata doppja. Il-wisa' bejn il-pjanti fl-istess flann trid ikun mill-inqas:

— 0,85 metru għad-dwieli mħarrġa bil-metodu Guyot (singolu jew doppju) jew dwieli mħarrġa fuq zkuk baxxi fuq il-kannizzati;

— 0,74 metru għad-dwieli mħarrġa bil-metodu lyre b'kannizzata doppja.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Regoli dwar iż-żbir

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika ta' kultivazzjoni

Deskrizzjoni

Iż-żbir isir l-aktar tard fl-istadju meta l-weraq ikunu mifruxa (l-istadju 9 ta' Lorenz). Id-dwieli jinżabru jew bil-metodu ta' żbir b'fergħat qosra jew b'fergħat twal, b'massimu ta' 45 000 għajn għal kull ettaru u b'massimu ta' 14-il għajn għal kull dielja.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ħsad

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika ta' kultivazzjoni

Deskrizzjoni

Għall-inbejjed bojod ħelwin, l-għeneb jinħasad bl-idejn f'bosta drabi.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Arrikkiment

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika enoloġika speċifika

Deskrizzjoni

It-tekniki sottrattivi tal-arrikkiment huma permessi għall-inbejjed ħomor sa rata ta' konċentrazzjoni ta' 15 %. Wara l-arrikkiment, il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum ma taqbiżx it-13,5 % għall-inbejjed ħomor; it-13 % għall-inbejjed bojod xotti; u l-15 % għall-inbejjed bojod ħelwin mezzana. L-inbejjed ħelwin ma humiex soġġetti għal xi arrikkiment.

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbejjed ħomor bla gass

Rendiment massimu

Rendiment massimu:	65
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbejjed bojod bla gass u xotti

Rendiment massimu

Rendiment massimu:	72
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbejjed bojod bla gass u ħelwin

Rendiment massimu

Rendiment massimu:	40
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbejjed bojod bla gass u ħelwin mezzana

Rendiment massimu

Rendiment massimu:	55
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

— Cabernet Franc N

— Cabernet-Sauvignon N

— Côt N - Malbec

— Merlot N

— Muscadelle B

— Sauvignon B - Sauvignon blanc

— Sauvignon Gris G - Fié gris

— Semillon B

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

1) *Żona ġeografika*

(a) L-għeneb jinħasad u l-inbejjed isiru, jiġu żviluppati u jiġu mmaturati fil-muniċipalitajiet li ġejjin, jew partijiet mill-muniċipalitajiet, tad-dipartiment ta' Gironde, kif approvati mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità fis-sessjoni tal-kumitat nazzjonali kompetenti tat-8 ta' Ġunju 2016, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025: Anglade, Bassens, Baurech, Béguey, Belvès-de-Castillon, Berson, Blaye, Bouliac, Braud-et-Saint-Louis, Cadillac-sur-Garonne, Cambes, Camblanes-et-Meynac, Campugnan, Capian, Caplong, Carbon-Blanc, Cardan, Carignan-de-Bordeaux, Cars, Cartelègue, Castillon-la-Bataille, Cavignac, Cénac, Cenon, Cézac, Civrac-de-Blaye, Cubnezais, Donnezac, Donzac, Etauliers, Eynesse, Eyrans, Floirac, Fours, Francs, Gabarnac, Gardegan-et-Tourtirac, Générac, Gensac, Haux, Landerrouat, Langoiran, Laroque, Laruscade, Latresne, Lestiac-sur-Garonne, Les Lèves-et-Thoumeyragues, Ligueux, Lormont, Loupiac, Marcenais, Margueron, Marsas, Massugas, Mazion, Monprimblanc, Omet, Paillet, Pellegrue, Pessac-sur-Dordogne, Pineuilh, Plassac, Pleine-Selve, il-parti tal-muniċipalità ta' Pugnac li kienet tappartjeni għal Lafosse qabel

ingħaqdu fl-1 ta' Lulju 1974, il-parti tal-muniċipalità ta' Puisseguin li kienet tappartjeni għal Monbadon qabel ingħaqdu fl-1 ta' Jannar 1989, Quinsac, Reignac, Riocaud, Rions, La Roquille, Saint-André-et-Appelles, Saint-Androny, Saint-Aubin-de-Blaye, Saint-Avit-de-Soulège, Saint-Avit-Saint-Nazaire, Saint-Caprais-de-Bordeaux, Saint-Christoly-de-Blaye, Saint-Cibard, Saint-Ciers-sur-Gironde, Saint-Genès-de-Blaye, Saint-Genès-de-Castillon, Saint-Germain-de-Grave, Saint-Girons-d'Aiguevives, Saint-Magne-de-Castillon, Saint-Maixant, Saint-Mariens, Saint-Martin-Lacaussade, Saint-Palais, Saint-Paul, Saint-Philippe-d'Aiguille, Saint-Philippe-du-Seignal, Saint-Quentin-de-Caplong, Sainte-Foy-la-Grande, Saint-Savin, Saint-Seurin-de-Cursac, Saint-Vivien-de-Blaye, Saint-Yzan-de-Soudiac, Sainte-Colombe, Sainte-Croix-du-Mont, Sainte-Eulalie, Les Salles-de-Castillon, Saugon, Semens, Tabanac, Tayac, Le Tourne, Val-de-Livenne, Verdelais, Villenave-de-Rions u Yvrac.

(b) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Blaye, l-għeneb jinħasad u l-inbejjed isiru, jiġu żviluppati u jiġu mmaturati fil-muniċipalitajiet li ġejjin tad-dipartiment ta' Gironde, kif approvati mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità fis-sessjoni tal-kumitat nazzjonali kompetenti tal-5 ta' Marzu 2009, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025: Anglade, Berson, Blaye, Braud-et-Saint-Louis, Campugnan, Cars, Cartelègue, Cavignac, Cézac, Civrac-de-Blaye, Cubnezais, Donnezac, Etauliers, Eyrans, Fours, Générac, Laruscade, Marcenais, Marsas, Mazion, Plassac, Pleine-Selve, il-parti tal-muniċipalità ta' Pugnac li kienet tappartjeni għal Lafosse qabel ingħaqdu fl-1 ta' Lulju 1974, Reignac, Saint-Androny, Saint-Aubin-de-Blaye, Saint-Christoly-de-Blaye, Saint-Ciers-sur-Gironde, Saint-Genès-de Blaye, Saint-Girons-d'Aiguevives, Saint-Mariens, Saint-Martin-Lacaussade, Saint-Palais, Saint-Paul, Saint Savin, Saint-Seurin-de-Cursac, Saint-Vivien-de-Blaye, Saint-Yzan-de-Soudiac, Saugon u Val-de-Livenne.

(c) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Cadillac, l-għeneb jinħasad u l-inbejjed isiru, jiġu żviluppati u jiġu mmaturati fil-muniċipalitajiet li ġejjin tad-dipartiment ta' Gironde, kif approvati mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità fis-sessjoni tal-kumitat nazzjonali kompetenti tal-5 ta' Marzu 2009, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025: Bassens, Baurech, Béguey, Bouliac, Cadillac-sur-Garonne, Cambes, Camblanes-et-Meynac, Capian, Carbon-Blanc, Cardan, Carignan-de-Bordeaux, Cénac, Cenon, Donzac, Floirac, Gabarnac, Haux, Langoiran, Laroque, Latresne, Lestiac-sur-Garonne, Lormont, Loupiac, Monprimblanc, Omet, Paillet, Quinsac, Rions, Saint-Caprais-de-Bordeaux, Sainte-Croix-du-Mont, Sainte-Eulalie, Saint-Germain-de-Grave, Saint-Maixant, Semens, Tabanac, Le Tourne, Verdelais, Villenave-de-Rions u Yvrac.

(d) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Castillon, l-għeneb jinħasad u l-inbejjed isiru, jiġu żviluppati u jiġu mmaturati fil-muniċipalitajiet li ġejjin tad-dipartiment ta' Gironde, kif approvati mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità fis-sessjoni tal-kumitat nazzjonali kompetenti tal-5 ta' Marzu 2009, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025: Belvès-de-Castillon, Castillon-la-Bataille, Gardegan-et-Tourtirac, Les Salles-de-Castillon, il-parti tal-muniċipalità ta' Puisseguin li kienet tappartjeni għal Monbadon qabel ingħaqdu fl-1 ta' Jannar 1989, Sainte-Colombe, Saint-Genès-de-Castillon, Saint-Magne-de-Castillon u Saint-Philippe-d'Aiguille.

(e) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Franc, l-għeneb jinħasad u l-inbejjed isiru, jiġu żviluppati u jiġu mmaturati fil-muniċipalitajiet li ġejjin tad-dipartiment ta' Gironde, kif approvati mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità fis-sessjoni tal-kumitat nazzjonali kompetenti tal-5 ta' Marzu 2009, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025: Francs, Saint-Cibard u Tayac.

(f) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Sainte-Foy, l-għeneb jinħasad u l-inbejjed isiru, jiġu żviluppati u jiġu mmaturati fil-muniċipalitajiet li ġejjin tad-dipartiment ta' Gironde, kif approvati mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità fis-sessjoni tal-kumitat nazzjonali kompetenti tat-8 ta' Ġunju 2016, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025: Caplong, Eynesse, Gensac, Landerrouat, Les Lèves-et-Thoumeyragues, Ligueux, Margueron, Massugas, Pellegrue, Pessac-sur-Dordogne, Pineuilh, Riocaud, La Roquille, Saint-André-et-Appelles, Saint-Avit-de-Soulège, Saint-Avit-Saint-Nazaire, Saint-Philippe-du-Seignal, Saint-Quentin-de-Caplong u Sainte-Foy-la-Grande.

Il-mapep taż-żona ġeografika jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità.

2) *Żona ta' rqajja' definita*

(a) Għad-denominazzjoni ta' oriġini protetta Côtes de Bordeaux, l-inbejjed isiru esklużivament minn dwieli li jinsabu fuq l-irqajja' taż-żoni ta' produzzjoni stabbiliti f'b), c), d) u e), jew fuq l-irqajja' identifikati f'konformità ma' f) kif ġej.

(b) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Blaye, l-inbejjed isiru esklużivament minn dwieli li jinsabu fuq l-irqajja' taż-żona ta' produzzjoni kif approvata għad-denominazzjoni ta' oriġini protetta Premières Côtes de Blaye mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità fis-sessjonijiet tal-kumitat nazzjonali kompetenti fid-dati li ġejjin: il-31 ta' Mejju 1991 għall-muniċipalitajiet ta' Berson, Blaye, Cars, Civrac-de-Blaye, Eyrans, Fours, Marcenais, Mazion, Saint-Androny, Saint-Genès-de-Blaye, Saint-Martin-Lacaussade, Saint-Seurin-de-Cursac u Saint-Yzan-de-Soudiac; l-4 ta' Novembru 1992 għall-muniċipalità ta' Cavignac; is-7 ta' Novembru 2013 għall-muniċipalità ta' Reignac; it-3 ta' Mejju 2017 għall-muniċipalitajiet ta' Laruscade, Marsas, Plassac, Saint-Mariens u Saugon; u t-12 ta' Frar 2026 għall-muniċipalitajiet ta' Anglade, Braud-et-Saint-Louis, Campugnan, Cartelègue, Cézac, Cubnezais, Donnezac, Etauliers, Générac, Pleine-Selve, il-parti tal-muniċipalità ta' Pugnac li kienet tappartjeni għal Lafosse qabel ingħaqdu fl-1 ta' Lulju 1974, Saint-Aubin-de-Blaye, Saint-Christoly-de-Blaye, Saint-Ciers-sur-Gironde, Saint-Girons-d'Aiguevives, Saint-Palais, Saint-Paul, Saint-Savin, Saint-Vivien-de-Blaye u Val-de-Livenne.

(c) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Cadillac, l-inbejjed isiru esklużivament minn dwieli li jinsabu fuq l-irqajja' fiż-żona ta' produzzjoni għad-denominazzjoni ta' oriġini protetta Premières Côtes de Blaye kif approvata mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità fil-laqgħat tal-kumitat nazzjonali rilevanti fis-7 u fit-8 ta' Novembru 2002, fit-8 u fid-9 ta' Novembru 2006, fil-5 ta' Marzu 2009, fl-10 u fil-11 ta' Frar 2010, fil-5 ta' Novembru 2015, fit-3 ta' Mejju 2017 u fil-11 u fit-12 ta' Ġunju 2025.

(d) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Castillon, l-inbejjed isiru minn dwieli li jinsabu fuq l-irqajja' fiż-żona ta' produzzjoni għad-denominazzjoni ta' oriġini protetta Côtes de Castillon kif approvata mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità fil-laqgħa tal-kumitat nazzjonali kompetenti fil-25 ta' Frar 1988, u l-kumitat permanenti tiegħu fl-10 ta' Lulju 2014.

(e) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Francs, l-inbejjed isiru esklużivament minn dwieli li jinsabu fuq l-irqajja' fiż-żona ta' produzzjoni kif approvata mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità fil-laqgħa tal-kumitat nazzjonali kompetenti fit-3 ta' Ġunju 1983 u fid-9 ta' Ġunju 2015.

Il-mapep taż-żona ta' rqajja' definita jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità.

(f) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Sainte-Foy, l-inbejjed isiru minn għeneb li jinħasad fuq l-irqajja' li jkunu għaddew minn proċedura ta' identifikazzjoni.

L-irqajja' jiġu identifikati abbażi ta' kriterji marbuta mal-lokalità tagħhom. Il-kriterji ġew stabbiliti mill-kumitat nazzjonali kompetenti tal-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Frar 2014, wara l-opinjoni tal-kumitat ta' esperti stabbilit għal dak l-għan.

Kwalunkwe produttur li jixtieq li roqgħa ta' vinja tiġi identifikata jibgħat talba lill-korp tal-protezzjoni u l-ġestjoni, li jgħaddi kopja lill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità qabel il-31 ta' Marzu tas-sena tal-ħsad.

Il-lista ta' rqajja' ġodda identifikati tiġi approvata kull sena mill-kumitat nazzjonali kompetenti tal-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità wara opinjoni mill-kumitat ta' esperti msemmi hawn fuq.

Il-listi ta' kriterji u rqajja' identifikati tista' tinkiseb mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità u mill-organizzazzjoni tad-difiża u tal-ġestjoni rilevanti.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

1. Inbid

Sommarju tar-rabta

Iż-żona ġeografika tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta Côtes de Bordeaux tinsab fid-dipartiment ta' Gironde, fuq ix-xtajtiet tax-xmajjar Garonne, Dordogne u Gironde, f'pajsaġġ mimli għoljiet b'ħamrija prinċipalment taflija u kalkarja. Id-denominazzjoni hija ċċentrata madwar ħames ċentri storiċi tal-vitikultura: Blaye, Cadillac, Castillon-la-Bataille, Francs u Sainte-Foy-la-Grande. Il-vinji tal-Côtes de Bordeaux iħarsu fuq il-widien fejn l-ilma ħelu jitħallat mal-ilma baħar. L-influwenzi marittimi jinħassu pjuttost 'il ġewwa mix-xatt. Ix-xmajjar Dordogne u Garonne jingħaqdu fil-passaġġ fuq l-ilma wiesa' tal-Estwarju ta' Gironde. Iż-żona tal-Côtes de Bordeaux tkopri l-pjanura u l-parti t'isfel tax-xaqlibiet li jħarsu fuq mix-xmara, li fil-biċċa l-kbira tagħhom iħarsu lejn il-Lbiċ, u tibqa' sejra fi ġnub l-għoljiet weqfin bi gradjent li jvarja minn madwar 30 metru għal aktar minn 70 metru. Hija ddominata minn plateaux, li f'xi postijiet huma maqsuma minn network ta' xmajjar sekondarji. Dan ir-reġjun wiesa' jgawdi kundizzjonijiet klimatiċi favorevoli u relattivament omoġenji għall-produzzjoni tal-għeneb. Dawn il-kundizzjonijiet jinkludu l-lokalità viċin ta' korpi kbar ta' ilma: l-Oċean Atlantiku, l-Estwarju ta' Gironde, u l-widien ta' Garonne u Dordogne, li lkoll għandhom rwol importanti fir-regolazzjoni tat-temperatura. Barra minn hekk, l-influwenzi marittimi jimmoderaw l-effetti tal-ġlata tar-rebbiegħa. L-inbejjed Côtes de Bordeaux, li jirtu tradizzjoni twila, għandhom kwalitajiet li jirriżultaw mid-diversità tal-ambjent, mill-varjetajiet ta' għeneb u min-nies. Storikament, kienet tingħata l-istess preferenza lill-irqajja' fil-parti t'isfel tax-xaqlibiet, fl-inklinazzjonijiet jew saħansitra fuq il-plateaux, skont il-kapaċitajiet tal-iskular u s-sitwazzjoni topografika relattiva tagħhom. Kull sena, elf vitikultur jisfruttaw il-ħiliet tagħhom biex jipproduċu dawn l-inbejjed. B'dan il-mod, kull azjenda tagħmel dak kollu li hemm bżonn, fil-vinja u fil-kantina tal-inbid, biex tipproduċi prodott famuż: ir-rekwiżit tad-densità tat-tħawwil; it-tagħbija massima limitata għal kull roqgħa; regoli dwar il-coupage tal-varjetajiet ta' għeneb ewlenin u sekondarji; perjodu minimu ta' maturazzjoni għall-inbejjed sal-15 ta' Marzu tas-sena ta' wara dik tal-ħsad. Il-vinji tal-Côtes de Bordeaux joffru wkoll wirt mill-isbaħ: kastelli storiċi, djar manjifiċi u fortizzi, knejjes Romaneski, akkomodazzjoni lussuża marbuta mat-tifkira ta' kittieba u artisti famużi. L-irħula ppreżervati b'toroq dojoq, il-fortifikazzjonijiet u l-imtieħen dominanti huma xhieda ta' għadd kbir ta' attivitajiet vitikulturali u kummerċjali. L-inbejjed Côtes de Bordeaux, li jirrappreżentaw madwar 14 % tal-produzzjoni ta' Bordeaux, illum jikkostitwixxu forza sinifikanti fil-qasam tal-inbejjed ta' Bordeaux. Huma jixhdu l-ġid u s-setgħa storiċi tal-varjetajiet ta' għeneb tradizzjonali ta' Bordeaux. Id-denominazzjoni Côtes de Bordeaux u l-ismijiet ġeografiċi supplimentari tagħha kisbu reputazzjoni sinifikanti fis-swieq prinċipali tagħhom: Franza u l-Belġju. Matul l-aħħar 10 snin, il-bejgħ bl-imnut fi Franza żdied b'aktar minn 40 %, u aktar minn 15 % tal-unitajiet domestiċi Franċiżi xtraw inbejjed ta' din id-denominazzjoni. Fir-rigward tal-esportazzjoni, l-inbejjed Côtes de Bordeaux għandhom reputazzjoni tajba ħafna fl-Ewropa, speċjalment fil-Belġju. Issa qed jiġu introdotti aktar 'il bogħod, b'mod partikolari fis-swieq Asjatiċi. Dawn l-inbejjed bla gass huma prinċipalment magħmula minn coupages ta' varjetajiet ta' għeneb ewlenin u sekondarji. L-inbejjed ħomor spiss ikunu bbażati fuq il-Merlot N bħala l-varjetà ta' għeneb ewlenija, imkabbra fuq ħamrija tat-tafal u tal-ġebla tal-ġir li toħroġ il-kwalitajiet speċifiċi kollha tagħha. Il-coupage mal-Cabernet Sauvignon N, mal-Cabernet Franc N jew mal-Cot N (magħrufa lokalment bħala Malbec) jagħti nbejjed b'togħma ta' frott u bi struttura tannika sottili. L-inbejjed bojod ġeneralment isiru mis-Sauvignon B f'coupage mas-Semillon B u mal-Muscadelle B. L-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta Côtes de Bordeaux huma bilanċjati, b'togħma ta' frott u jistgħu jinżammu għal bejn 3 u 10 snin.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Żona fi prossimità immedjata

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika definita

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

3) Żona fi prossimità immedjata

(a) Għad-denominazzjoni ta' oriġini protetta Côtes de Bordeaux, iż-żona fi prossimità immedjata, iddefinita b'deroga għall-produzzjoni, l-iżvilupp u l-maturazzjoni tal-inbejjed, tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-1 ta' Jannar 2025:

— id-Dipartiment ta' Gironde:

Ambarès-et-Lagrave, Arbanats, Artigues-près-Bordeaux, Auriolles, Ayguemorte-les-Graves, Baigneaux, Baron, Barsac, Beautiran, Bellebat, Bellefond, Beychac-et-Caillau, Blésignac, Bommes, Bonnetan, Bossugan, Branne, La Brède, Budos, Cabara, Cadarsac, Cadaujac, Camarsac, Camiac-et-Saint-Denis, Camiran, Casseuil, Castelviel, il-parti tal-muniċipalità ta' Castets et Castillon li tikkorrispondi għall-muniċipalità delegata ta' Castets-en-Dorthe, Castres-Gironde, Caudrot, Caumont, Cazaugitat, Cérons, Cessac, Civrac-sur-Dordogne, Coirac, Coubeyrac, Courpiac, Créon, Croignon, Cursan, Daignac, Dardenac, Daubèze, Doulezon, Escoussans, Espiet, Les Esseintes, Faleyras, Fargues, Fargues-Saint-Hilaire, Flaujagues, Frontenac, Gauriac, Gauriaguet, Génissac, Gironde-sur-Dropt, Gornac, Grézillac, Guillac, Illats, Isle-Saint-Georges, Izon, Jugazan, Juillac, Ladaux, Landiras, Langon, Lansac, Lapouyade Léogeats, Léognan, Lignan-de-Bordeaux, Listrac-de-Durèze, Loupes, Lugaignac, Lugasson, Lussac, Madirac, Martillac, Martres, Mazères, Mombrier, Montagne, Montignac, Montussan, Morizès, Mouliets-et-Villemartin, Moulon, Mourens, Naujan-et-Postiac, Nérigean, Peujard, Le Pian-sur-Garonne, Podensac, Pompignac, Porte-de-Benauge, Portets, Le Pout, Preignac, Pugnac, Puisseguin, Pujols, Pujols-sur-Ciron, Rauzan, Roaillan, Romagne, Sadirac, Saint-Antoine-du-Queyret, Saint-Aubin-de-Branne, Saint-Brice, Saint-André-de-Cubzac, Saint-André-du-Bois, Saint-Brice, Saint-Christophe-des-Bardes, Saint-Ciers-de-Canesse, Saint-Emilion, Saint-Etienne-de-Lisse, Saint-Exupéry, Saint-Félix-de-Foncaude, Saint-Ferme, Saint-Genès-de-Lombaud, Saint-Germain-du-Puch, Saint-Hilaire-du-Bois, Saint-Hippolyte, Saint-Jean-de-Blaignac, Saint-Laurent-d'Arce, Saint-Laurent-du-Bois, Saint-Laurent-du-Plan, Saint-Laurent-des-Combes, Saint-Léon, Saint-Loubert, Saint-Loubès, Saint-Macaire, Saint-Martial, Saint-Martin-de-Sescas, Saint-Médard-d'Eyrans, Saint-Michel-de-Rieufret, Saint-Morillon, Saint-Pierre-de-Bat, Saint-Pierre-de-Mons, Saint-Pey-d'Armens, Saint-Pey-de-Castets, Saint-Pierre-d'Aurillac, Saint-Quentin-de-Baron, Saint-Selve, Saint-Sulpice-et-Cameyrac, Saint-Sulpice-de-Faleyrens, Saint-Sulpice-de-Pommiers, Saint-Trojan, Saint-Vincent-de-Paul, Saint-Vincent-de-Pertignas, Sainte-Florence, Sainte-Foy-la-longue, Sainte-Radegonde, Sainte-Terre, Salleboeuf, Samonac, Sauternes, La Sauve, Soulignac, Soussac, Targon, Tauriac, Teuillac, Tizac-de-Curton, Tizac-de-Lapouyade, Toulenne, Tresses, Vignonet, Villeneuve u Virelade.

— id-Dipartiment ta' Dordogne:

Bergerac, Bonneville-et-Saint-Avit-de-Fumadière, Bosset, Cunèges, Le Fleix, La Force, Fraisse, Gageac-et-Rouillac, Gardonne, Ginestet, Lamonzie-Saint-Martin, Lamothe-Montravel, Les Lèches, Lunas, Mescoules, Minzac, Monbazillac, Monestier, Monfaucon, Montazeau, Montcaret, Nastringues, Pomport, Port-Sainte-Foy-et-Ponchapt, Prigonrieux, Razac-de-Saussignac, Ribagnac, Rouffignac-de-Sigoulès, Saint-Antoine-de-Breuilh, Saint-Georges-de-Blancaneix, Saint-Géry, Saint-Méard-de-Gurçon, Saint-Michel-de-Montaigne, Saint-Pierre-d'Eyraud, Saint-Seurin-de-Prats, Saint-Vivien, Saussignac, Sigoulès et Flaugeac, Thénac, Vélines u Villefranche-de-Lonchat.

— id-Dipartiment ta' Charente-Maritime: Saint-Georges-des-Agoûts.

(b) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Blaye, iż-żona fi prossimità immedjata, iddefinita b'deroga għall-produzzjoni, l-iżvilupp u l-maturazzjoni tal-inbejjed, tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-1 ta' Jannar 2025:

— id-Dipartiment ta' Gironde:

Gauriac, Gauriaguet, Lansac, Lapouyade, Mombrier, Peujard, il-parti tal-muniċipalità ta' Pugnac li kienet tappartjeni għal Lafosse qabel ingħaqdu fl-1 ta' Lulju 1974, Saint-André-de-Cubzac, Saint-Ciers-de-Canesse, Saint-Laurent-d'Arce, Saint-Trojan, Tauriac, Teuillac, Tizac-de-Lapouyade u Villeneuve.

— id-Dipartiment ta' Charente-Maritime: Saint-Georges-des-Agoûts.

(c) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Cadillac, iż-żona fi prossimità immedjata, iddefinita b'deroga għall-produzzjoni, l-iżvilupp u l-maturazzjoni tal-inbejjed, tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin tad-dipartiment Gironde, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-1 ta' Jannar 2025: Ambarès-et-Lagrave, Arbanats, Artigues-près-Bordeaux, Ayguemorte-les-Graves, Baigneaux, Baron, Barsac, Beautiran, Bellebat, Bellefond, Beychac-et-Caillau, Blésignac, Bommes, Bonnetan, Branne, La Brède, Budos, Cabara, Cadarsac, Cadaujac, Camarsac, Camiac-et-Saint-Denis, Camiran, Casseuil, Castelviel, il-parti tal-muniċipalità ta' Castets et Castillon li tikkorrispondi għall-muniċipalità delegata ta' Castets-en-Dorthe, Castres-Gironde, Caudrot, Cérons, Cessac, Coirac, Courpiac, Créon, Croignon, Cursan, Daignac, Dardenac, Daubèze, Escoussans, Espiet, Les Esseintes, Faleyras, Fargues, Fargues-Saint-Hilaire, Frontenac, Génissac, Gironde-sur-Dropt, Gornac, Grézillac, Guillac, Illats, Isle-Saint-Georges, Izon, Jugazan, Ladaux, Landiras, Langon, Léogeats, Léognan, Lignan-de-Bordeaux, Loupes, Lugaignac, Lugasson, Madirac, Martillac, Martres, Mazères, Montignac, Montussan, Morizès, Moulon, Mourens, Naujan-et-Postiac, Nérigean, Le Pian-sur-Garonne, Podensac, Pompignac, Porte-de-Benauge, Portets, Le Pout, Preignac, Pujols-sur-Ciron, Rauzan, Roaillan, Romagne, Sadirac, Saint-André-du-Bois, Saint-Aubin-de-Branne, Saint-Brice, Saint-Exupéry, Saint-Félix-de-Foncaude, Saint-Genès-de-Lombaud, Saint-Germain-du-Puch, Saint Hilaire-du-Bois, Saint-Laurent-du-Bois, Saint-Laurent-du-Plan, Saint Léon, Saint-Loubert, Saint-Loubès, Saint-Macaire, Saint-Martial, Saint-Martin-de-Sescas, Saint-Médard-d'Eyrans, Saint-Michel-de-Rieufret, Saint-Morillon, Saint-Pierre-d'Aurillac, Saint-Pierre-de-Bat, Saint-Pierre-de-Mons, Saint-Quentin-de-Baron, Saint-Selve, Saint-Sulpice-de-Pommiers, Saint-Sulpice-et-Cameyrac, Saint-Vincent-de-Paul, Sainte-Foy-la-longue, Salleboeuf, Sauternes, La Sauve, Soulignac, Targon, Tizac-de-Curton, Toulenne, Tresses u Virelade.

(d) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Castillon, iż-żona fi prossimità immedjata, iddefinita b'deroga għall-produzzjoni, l-iżvilupp u l-maturazzjoni tal-inbejjed, tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-1 ta' Jannar 2025:

— id-Dipartiment ta' Gironde:

Francs, Montagne, Puisseguin, Saint-Christophe-des-Bardes, Saint-Cibard, Saint-Etienne-de-Lisse, Saint-Hippolyte, Saint-Jean-de-Blaignac, Saint-Pey-d'Armens, Saint-Pey-de-Castets, Saint-Emilion, Saint-Laurent-des-Combes, Saint-Sulpice-de-Faleyrens, Sainte-Terre, Tayac u Vignonet.

— id-Dipartiment ta' Dordogne:

Minzac, Saint-Méard-de-Gurçon, Saint-Michel-de-Montaigne u Villefranche-de-Lonchat.

(e) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Francs, iż-żona fi prossimità immedjata, iddefinita b'deroga għall-produzzjoni, l-iżvilupp u l-maturazzjoni tal-inbejjed, tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-1 ta' Jannar 2025:

— id-Dipartiment ta' Gironde:

Belvès-de-Castillon, Castillon, Gardegan-et-Tourtirac, Lussac, Montagne, Puisseguin, Saint-Emilion, Saint-Etienne-de-Lisse, Saint-Genès-de-Castillon, Saint-Laurent-des-Combes, Saint-Magne-de-Castillon, Saint-Philippe-d'Aiguille, Sainte-Colombe, Les Salles-de-Castillon u Vignonet.

— id-Dipartiment ta' Dordogne:

Minzac, Saint-Méard-de-Gurçon, Saint-Michel-de-Montaigne u Villefranche-de-Lonchat.

(f) Għad-denominazzjoni ġeografika supplimentari Sainte-Foy, iż-żona fi prossimità immedjata, iddefinita b'deroga għall-produzzjoni, l-iżvilupp u l-maturazzjoni tal-inbejjed, tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-1 ta' Jannar 2025:

— id-Dipartiment ta' Gironde:

Auriolles, Bossugan, Caumont, Cazaugitat, Civrac-sur-Dordogne, Coubeyrac, Doulezon, Flaujagues, Juillac, Listrac-de-Durèze, Mouliets-et-Villemartin, Pujols, Rauzan, Saint-Antoine-du-Queyret, Saint-Ferme, Saint-Jean-de-Blaignac, Saint-Pey-de-Castets, Saint-Vincent-de-Pertignas, Sainte-Florence, Sainte-Radegonde u Soussac.

— id-Dipartiment ta' Dordogne:

Bergerac, Bonneville-et-Saint-Avit-de-Fumadière, Bosset, Cunèges, Le Fleix, La Force, Fraisse, Gageac-et-Rouillac, Gardonne, Ginestet, Lamonzie-Saint-Martin, Lamothe-Montravel, Les Lèches, Lunas, Mescoules, Monbazillac, Monestier, Monfaucon, Montazeau, Montcaret, Nastringues, Pomport, Port-Sainte-Foy-et-Ponchapt, Prigonrieux, Razac-de-Saussignac, Ribagnac, Rouffignac-de-Sigoulès, Saint-Antoine-de-Breuilh, Saint-Georges-de-Blancaneix, Saint-Géry, Saint-Michel-de-Montaigne, Saint-Pierre-d'Eyraud, Saint-Seurin-de-Prats, Saint-Vivien, Saussignac, Sigoulès et Flaugeac, Thénac u Vélines.

F'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33, iż-żona fi prossimità immedjata tikkorrispondi għal żona fil-prossimità immedjata taż-żona definita inkwistjoni.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Ismijiet ġeografiċi supplimentari

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

L-isem tad-denominazzjoni jista' jkun akkumpanjat minn Blaye, Cadillac, Castillon, Francs jew Sainte-Foy bħala isem ġeografiku supplimentari jekk l-inbejjed jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' produzzjoni stabbiliti għal dawn l-ismijiet ġeografiċi supplimentari.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Unità ġeografika ikbar

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

L-ismijiet bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta jistgħu jispeċifikaw fuq it-tikketti tagħhom l-unità ġeografika ikbar Vin de Bordeaux jew Grand Vin de Bordeaux. Id-daqs tal-ittri użati għal din l-unità ġeografika ikbar ma jridx ikun ikbar, la fl-għoli u lanqas fil-wisa', minn żewġ terzi tad-daqs tal-ittri li jiffurmaw l-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Identifikatur kollettiv

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

It-tikkettar tal-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini Côtes de Bordeaux, li jista' jinkludi wkoll wieħed mill-ismijiet ġeografiċi supplimentari Blaye, Cadillac, Castillon, Francs jew Sainte-Foy, ikollu l-identifikatur kollettiv skont id-dispożizzjonijiet tal-memorandum kollettiv fis-seħħ, imfassal mill-grupp u magħmul disponibbli għall-operaturi kollha.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Unità ġeografika iżgħar

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

L-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta jistgħu jispeċifikaw fuq it-tikketti tagħhom l-isem ta' unità ġeografika iżgħar, dment li:

— ikun isem ta' post elenkat fir-reġistru tal-artijiet;

— ikun jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-ħsad.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Termini tat-tikkettar

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

It-terminu "moelleux" [ħelu mezzan] irid jidher fuq it-tikkettar tal-inbejjed bojod bid-denominazzjoni ta' oriġini Côtes de Bordeaux akkumpanjat mill-isem ġeografiku supplimentari Sainte-Foy b'kontenut taz-zokkor fermentabbli (glukożju u fruttożkju) ta' bejn 17 u 45 gramma għal kull litru.

Referenza elettronika (URL) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/boagri/document_administratif-eb0e9ab0-8b16-46a0-a705-59f6140c1b51